**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 3 ta' Marzu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Camilleri)**

**vs**

**Nasr Khalifa Abubaker ABUBAKER**
**Passaport Libjan: P9P3L46J**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat Nasr Khalifa Abubaker ABUBAKER ta' 55 sena, iben Khalifa Abubaker u Salma Abukris, imwieled Elbayda, Libya, nhar it-18 ta' Frar, 1964, residenti ġewwa Ta Jura, Libya u detentur tal-passaport Libjan numru P9P3L46J;

Akkużat talli nhar it-2 ta' Marzu 2019 f'dawn il-Ġżejjer, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja;

Naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qiegħed iġorr ammont fi flus kontanti li jeċċedi s-somma ta' għaxar t' elef ewro (€10,000) u ċioè, somma ta' flus kontanti f' denominazzjonijiet varji li hija ekwivalenti għal tmintax-il elf, disà mija u tlett ewro (€18,903), filwaqt li huwa kien ħiereġ minn

Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati dwar din l-imputazzjoni.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll l-ammisjoni bikrija tal-imputat u li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat il-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07, fuq ammisjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' multa ta' erbat elef, seba' mija, ħamsa u għoxrin ewro u hamsa u sebgħin ċentezmu (€4725.75), liema multa għandha titħallas minnufih.

In oltre ai termini tar-Regolament 3(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 qed tordna l-konfiska tas-somma esebita bħala Dok BCG ekwivalenti għas-somma ta'

tmien t' elef, disa' mija u tliet ewro (€8903) ossia s-somma in aċċess tas-somma ta' għaxar t' elef (€10,000) favur il-Gvern ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat